

Dispożittiv

- 1) Il-miżura ta' sospensjoni ta' eżekuzzjoni maħruġa fil-punt 1 tad-dispożittiv tad-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali, tat-28 ta' April 2009, *United Phosphorus vs Il-Kummissjoni* (T-95/09 R, li mhux ippubblikat fil-Ġabra) hija estiża sal-31 ta' Diċembru 2011, iżda mhux iktar tard mill-jum tal-adozzjoni tad-deċiżjoni fil-kawża prinċipali jekk din issir qabel din id-data.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tal-25 ta' Novembru 2010 —
Vidieffe vs UASI —
Ellis International Group (GOTHA)**

(Kawża T-169/09)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali GOTHA — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti gotcha — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”

1. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irregiistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti — Kunsiderazzjoni tal-elementi ta' xebh jew ta' differenza bejn is-sinjali — Teħid inkunsiderazzjoni tal-karatteristiċi intrinsiċi tas-sinjali jew tal-kundizzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti jew servizzi (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punt 35)*

2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punt 58)*

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Frar 2009 (Każ R 657/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Perry Ellis Group Holdings, Ltd u Vidieffe Srl.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant tat-trade mark Komunitarja:	Vidieffe Srl
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali GOTHA għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25 — Applikazzjoni Nru 3665957
Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Perry Ellis International Group Holdings, Ltd
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark Komunitarja figurattiva gotcha (Nru 289619) għal prodotti fil-klassijiet 3, 18 u 25
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni miċħuda fit-totalità tagħha
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell parzjalment milqugħ

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-12 ta' Frar 2009 (Każ R 657/2008-1) hija annullata sa fejn tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni sa fejn din tiċħad l-oppożizzjoni, minn naħa, għall-“prodotti tal-ġilda u imitazzjonijiet tal-ġilda (mhux inklużi fi klassijiet oħra); bagolli u bagalji; umbrelel, parasol, bsaten u bsaten tal-mixi” inklużi fil-klassi 18 u, min-naħa l-oħra, għall-prodotti kollha inklużi fil-klassi 25.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Vidieffe Srl.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-7 ta' Diċembru 2010 — Il-Kummissjoni vs Commune de Valbonne

(Kawża T-238/08)

“Klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratt ta' riċerka u ta' taħriġ li jirrigwarda proġett ta' tagħlim reċiproku bejn il-komun ta' Valbonne (Franza) u l-provinċja ta' Ascoli Piceno (l-Italja) — Talba għar-rimbors tas-somom imħallsa bil-quddiem”

1. *Proċedura — Kawża mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratt suġġett għad-dritt nazzjonali — Interpretazzjoni tal-kuntratt fid-dawl tad-dritt nazzjonali — Kundizzjonijiet — Klawżoli kuntrattwali insuffiċjenti sabiex tiġi solvuta l-kawża — Dubju dwar il-kontenut jew is-sens tal-kuntratt (Artikolu 238 KE) (ara l-punti 52, 53)*